**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 20 ta' Novembru 2019**

**Rikors Numru : 246/2019 JPG**

**Kawza Numru : 25**

**EZ**

**vs**

**AM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' EZ, datat 29 ta' Mejju 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar l-ghaxra t'Ottubru tas-sena elfejn u ghaxra (10/10/2010) u miz-zwieg taghhom twieldet bint wahda, JM li ghadha minuri;*

2. *Illi l-partijiet isseparaw definittivament permezz ta' kuntratt pubbliku in atti tan-Nutar James Grech nhar il-hdax ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (11/05/2015) u dan kif jirrizulta minn Dok A anness;*

3. *Illi skont l-istess kuntratt, il-partijiet iddekadew mid-dritt reciproku li jitolbu u jottjenu manteniment ghal xulxin;*

4. *Illi fir-rigward tal-bint minuri, il-partijiet ukoll ftehmu fuq manteniment mensili, li l-konvenut ghandu jivversa favur l-esponenti, dwar liema sal-lum, m'hemmx kwistjonijiet;*

5. *Illi bejn il-partijiet m'hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet.*

*U dana taht kull provvediment iehor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' AM, datata 18 ta' Gunju 2019, a fol 15 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi l-esponent jikkonferma illi l-partijiet izzewgu nhar l-10 ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) mil-liema zwieg twieldet il-minuri JM;*

2. *Illi l-esponenti jikkonferma li huwa sseparaw defenittivament permezz ta' kuntratt pubblika fl-atti tan-Nutar James Grech nhar il-11 ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015);*

3. *Illi z-zewg partijiet iddekadew mid-dritt reciproku milli jitolbu jew jottjenu manteniment minghand xulxin;*

4. *Illi fir-rigward tal-minur J, il-partijiet qablu u ftehmu permezz tal-kuntratt bonarju iffirmat nhar il-11 ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) u ghalhekk ma hemm ebda kwistjoni jew xi tip ta' pendenza ta' kwalunkwe xorta fir-rigward tal-manteniment tal-minuri;*

5. *Illi l-esponenti jikkonferma li ma hemmx tama ta' rikonciljazzjoni;*

6. *Illi ghalhekk il-partijiet jissodisfaw ir-rekwiziti tal-Ligi ghall-ottjeniment ta manteniment;*

7. *Illi ghaldaqstant l-esponenti jaqbel mat-talbiet tal-attirci kif dedotti fir-rikors promotur, bl-ispejjez ta dina l-procedura kontra taghha.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**EZ** xehdet illi l-partijiet izzewgu fl-10 t'Ottubru 2010, u kienu ottjenew s-separazzjoni personali fil-11 ta' Mejju 2015 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla wiehed, versu liema jithallas manteniment b'mod regolari. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet ukoll bejn il-partijiet m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni anke ghaliex illum -il gurnata jghixu hajja totalment separata.

**AM** xehed u kkonferma u kkorrobora x-xhieda moghtija mill-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu***

*infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]*

*66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-10 ta' Ottubru 2010 (Vide Dok. certifikat taz-zwieg fol 13) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor James Grech, datat 11 ta' Mejju 2015 (vide Dok. A fol 2A et seqq.) u ghalhekk ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attrici irnexxilha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**